AWTORITÀ TAD-DJAR • HOUSING AUTHORITY

# RAPPORT TAS-SENA 1998-1999

# ESTIMI GHAS-SENA 1999-2000

Rapport Amministrattiv
Bejn l-1 ta' Ottubru, 1998
u t-30 ta' Settembru, 1999

Rapport Finanzjarju
Bejn l-1 ta' Ottubru, 1998
u t-30 ta' Settembru, 1999

Estimi ta' Nfieq u Dħul
Bejn l-1 ta' Ottubru, 1999
u t-30 ta' Settembru, 2000

Imħejjija skond l-Artikli
11 u 13 ta' l-Att
Dwar l-Awtorita' tad-Djar (Kap. 261).

KONTENUT


RAPPORT AMMINISTRATTIV: .......................................... 1-25

RAPPORT FINANZJARJU: .......................................... 26-30

ESTIMI GĦAS-SENA 1999/2000: .......................................... 31-36

2.3 L-Awtorita' tad-Djar tixtieq li tkompli taġġorna l-politika tagħha fil-qasam tad-Djar skond il-ħtieġijiet soċjali li jfeġġu. Għaldaqstant, l-Awtorita' ħasset il-bżonn li twaqqaf *Reseach & Policy Development Unit* fi ħdanha sabiex b'hekk ikollha statistika reali f'dak li jirrigwardja d-djar f'Malta u Għawdex u tkun f'pożizzjoni tajba sabiex taġġorna l-politika tagħha f'dan ir-rigward. B'hekk, wara sejħa għall-applikazzjonijiet, ġiet impjegata persuna kwalifikata biex tieħu ħsieb din il-*Unit*.

## *3.0 SENA TA' ĦIDMA.*

3.1 373 benefiċjarju ibbenfikaw matul din is-sena li nvolva l-ammont ta' Lm 2,428,041 bħala sussidji f'xiri ta' proprjeta'. Barra minn hekk 3,005 familja gawdew minn sussidju fuq self u fuq iċ-ċens li l-ammont tas-sussidju laħħaq għal Lm 483,948.

3.2 L-Awtorita' għamlet l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet li rċeviet taħt Avviżi 63 - Bejgħ ta' Appartamenti, *Cluster Houses, Maisonettes* u Garaxxijiet, fejn applikabbli, f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Marzu 1999. Dawn il-postijiet kienu fil-lokalitajiet ta':-

MALTA - APPARTAMENTI

| Lokalita' | Numru ta' Appartamenti |
|---|---|
| Birkirkara | 1 |
| Birgu | 1 |
| Buġibba | 6 |
| Kalkara | 1 |
| Naxxar | 3 |
| Qawra | 32 |
| Siġġiewi | 4 |
| San Ġwann | 1 |
| Żebbuġ | 4 |
| Total | 53 |

*MAISONETTES* (Ġebel u saqaf)

| Lokalita' | Numru ta' *Maisonettes* | Garaxxijiet |
|---|---|---|
| Attard | 1 | 1 |
| Birżebbuġa | 25 | 25 |

| Lokalita' | Numru ta' *Maisonettes* | Garaxxijiet |
|---|---|---|
| Dingli | 2 | 1 |
| Iklin | 2 | 2 |
| Kalkara | 2 | 2 |
| Kirkop | 1 | 1 |
| Luqa | 2 | 2 |
| Mellieħa | 1 | 1 |
| Mosta | 6 | 6 |
| Mqabba | 1 | 1 |
| Msida | 6 | 6 |
| Mtarfa | 3 | 3 |
| Naxxar | 13 | 13 |
| Paola | 1 | 1 |
| Qrendi | 1 | 1 |
| San Ġwann | 12 | 12 |
| Siġġiewi | 6 | 6 |
| Sta Lucia | 18 | 18 |
| Ta' Giorni | 1 | 1 |
| Żurrieq | 2 | 1 |
| Total | 106 | 104 |

*CLUSTER HOUSES*

| Binja | Numru ta' Cluster Houses | Garaxxijiet |
|---|---|---|
| Ġebel id-Dwejra | 3 | 3 |
| Qlejgħa | 1 | 1 |
| Buqana | 2 | 2 |
| Total | 6 | 6 |

GHAWDEX - *MAISONETTES* (Gebel u Saqaf)

| Lokalita' | Numru ta' *Maisonettes* | Garaxxijiet |
|---|---|---|
| Qala | 18 | 18 |
| Xagħra | 1 | 1 |
| Total | 19 | 19 |

Il-postijiet taħt dan l-avviż kienu mqassma u applikaw għalihom hekk:-

| KATEGORIJA | APPLIKANTI | UNITS |
|---|---|---|
| A - Applikant miżżewweġ, martu u wliedhom (jekk jkollhom) li mhumiex miżżewġin u jgħixu fl-istess fond miegħu. | 231 | 45 |
| A DIS - Applikant miżżewweġ, martu u wliedhom (jekk jkollhom) li mhumiex miżżewġin u jgħixu fl-istess fond miegħu b'diżabilita'. | 4 | 8 |
| B - Applikant għarus u l-għarusa tiegħu - it-tnejn jkunu għalqu t-18-il sena sa l-ewwel data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. | 913 | 107 |
| B DIS - Applikant għarus u l-għarusa tiegħu - it-tnejn ikunu għalqu t-18-il sena sa l-ewwel data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern b'diżabilita'. | 1 | 14 |
| E - Applikant ġenitur wieħed u wliedu li mhumiex miżżewġin u li joqogħdu fl-istess fond miegħu; | 67 | 8 |
| E DIS- Applikant ġenitur wieħed u wliedu li mhumiex miżżewġin u li joqogħdu fl-istess fond miegħu b'diżabilita'. | 1 | 2 |
| TOTAL | 1217 | 184 |

Wara l-verifika ta' l-1,217-il applikazzjoni riċevuta, l-applikanti ġew mogħtija l-punti. Il-lista tal-punti ġiet ippubblikata fuq in-*Notice Board* ta' l-Awtorita' tad-Djar.

Min ma qabilx mal-punti mogħtija jew ma' l-invalidita' ta' l-applikazzjoni seta' joġġezzjona bil-miktub u jagħti r-raġuni għaliex ma qabilx. Ġie nominat Sottokumitat għal ta' l-apposta biex jivverifika dawn l-oġġezzjonijiet u fit-2 ta' Settembru 1999 ġiet ippubblikata l-lista finali.



Waqt l-ipproċessar ta' dawn l-applikazzjonijiet, l-Awtorita' tad-Djar kienet għaddejja wkoll bir-reviżjoni ta' kull sentejn fuq ir-rati ssussidjati ta' l-imgħax u fuq iċ-ċens tal-*HOS plots* u fuq ir-rata ssussidjata ta' l-imgħax ta' self ta' l-iskemi "Sir Sid Ta' Darek". Dan l-eżerċizzju kien jinvolvi 'l-fuq minn 4,390 reviżjoni.

Rati Ssussidjati ta' Imgħax Fuq Self Imħallas mill-Benefiċjarji ta' HOS Plots




| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' imgħax | ½% | 2½% | 3% | 3½% | 6% | 6½% | 7% |
| Skala ta' dħul fis-sena | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm |
| mhux aktar minn * | 1000 | 2000 | 3000 | 4000 | | 5000 | |

Appartamenti/*Maisonettes* Ġodda




| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' imgħax | 3% | 3.5% | 4% | 4.5% | 5% | 5.5% | 6% | 6.5% | 7% |
| Skala ta' dħul fis-sena | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm |
| mhux aktar minn * | 1500 | 2000 | 2500 | 3000 | 3500 | 4000 | 4500 | 5000 | |

Skema G




| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' imghax | 1 % | 2% | 3% | 4½% | 6% | 7% |
| Skala ta' dhul fis-sena mhux aktar minn * | Lm 1500 | Lm 2000 | Lm 3000 | Lm 4000 | Lm 5000 | |

Skema H




| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rata ta' Imghax | 0.5% | 1% | 1½% | 2% | 2½% | 3% | 3½% | 4% | 4½% | 5% | 5½% | 6% | 6½% | 7% |
| Skala ta' dhul fis-sena mhux aktar minn * | Lm 1000 | Lm 1500 | Lm 2000 | Lm 2500 | Lm 3000 | Lm 3500 | Lm 4000 | Lm 4500 | Lm 5000 | Lm 5500 | Lm 6000 | Lm 6500 | Lm 7000 | |

Appartamenti/Maisonettes (1989)



Ċnus Sussidjati Mħallsa Mill-Benefiċjarji ta' l-HOS Plots




* Dħul tal-benefiċjarju wara t-tnaqqis kontemplat fil-ħarġa relattiva

3.3. Skema tal-Home Ownership

L-Awtorita' tad-Djar baqgħet għaddejja bil-*policy* tagħha li *plots* allokati taħt l-iskema tal-*Home Ownership* u li jerġgħu jiġu fil-pussess tagħha jiġu żviluppati f'*maisonettes* u garaxxijiet. Taħt l-Avviż Numru 63 ħarġet 10 *maisonettes* u 10 garaxxijiet li nbnew fuq dawn il-plots u bħalissa qiegħda taħdem fuq 7 *plots* oħra.

3.4. Skemi

3.4.1 L-Awtorita' pproċessat l-applikazzjonijiet li rċeviet taħt l-iskemi eżistenti I, J, K, L, M, N u P.

F'dan l-aħħar tnax-il xahar l-Awtorita' tad-Djar irċeviet u pproċessat l-applikazzjonijiet taħt l-iskemi differenti kif ġej:-

| SKEMA | APPLIK. RIĊEVUTI | APPLIK. APPROVATI | APPLIK. FINALIZZATI | SUSSIDJU APPROVAT Lm |
|---|---|---|---|---|
| I - Xiri ssussidjat ta' djar ta' abitazzjoni li huma proprjeta' tal-Gvern mill-kerrejja rispettivi. | 232 | 200 | 198 | 1,017,510 |
| J - Sussidju fuq kera ta' residenzi privati | 6 | 6 | 6 | 1,563 |
| K - Sussidju għall-fidi ta' Ċens fuq Plots mogħtija b'ċens perpetwu mill-Awtorita' tad-Djar taħt l-iskemi tal-*Home Ownership*. | 15 | 15 | 19 | 947 |

| SKEMA | APPLIK. RIĊEVUTI | APPLIK. APPROVATI | APPLIK. FINALIZZATI | SUSSIDJU APPROVAT Lm |
|---|---|---|---|---|
| L - Għotja għal xogħlijiet ta' irranġar u titjib fi djar privati mill-inkwilini. | 136 | 134 | 135 | 142,944 |
| M - Għotja għax-xiri ta' djar ta' abitazzjoni privati mill-kerrejja rispettivi, għotja għal xogħljiet ta' rranġar u titjib u self sussidjat. | 5 | 5 | 7 | 13,565 |
| N - Għotja għal xogħlijiet ta' rranġar u titjib fi djar privati okkupati jew ser jiġu okkupati mis-sidien u self sussidjat. | 181 | 108 | 195 | 136,080 |
| P - Sussidju għall-fidi ta' ċens fuq *plots* mogħtija b'ċens temporanju jew b'ċens temporanju li wara ġie konvertit f'wieħed perpetwu jew b'ċens perpetwu mid-Dipartiment ta' l-Art taħt l-iskemi tal-*Home Ownership*. | 5 | 6 | 34 | 2,489 |
| Skema 1:- Għajnuna finanzjarja għal xogħlijiet ta' titjib fir-residenzi okkupati minn persuni b'diżabilita'. | 79 | 78 | 64 | 59,556 |
| Skema 3:- Sussidju fuq xogħlijiet ta' irranġar fi djar proprjeta' tal-Gvern. | 59 | 66 | 93 | 31,922 |

L-applikazzjonijiet approvati taħt varji Skemi għadhom ma ġewx kollha finalizzati peress li l-applikanti ma ppreżentawx id-dokumenti neċessarji biex isir il-ħlas.

3.4.2 F'dan il-perjodu l-Awtorita'tad-Djar waqqfet dawn l-Iskemi:-

(i) Skema J - Sussidju fuq kera ta' residenzi privati
(ii) Skema Tlieta - Sussidju fuq xogħlijiet ta' Irranġar fi Djar Proprjeta' tal-Gvern
(iii) Skema HD 11 - Sussidju fuq kera ta' residenzi privati
(iv) Skema SHD 18 - Sussidju ta' djar fuq taxxa tas-Sisa mħallsa fuq l-ewwel dar ta' abitazzjoni

u flokhom ħarġet skemi ġodda b'aktar benefiċċji għall-applikanti. L-iskemi huma Skema R - Skema ta' Kera Sussidjata Fuq Residenzi Privati (li ħadet post Skema J u Skema HD 11) Skema W - Sussidju fuq xogħlijiet ta' irranġar fi djar proprjeta' tal-Gvern (li ħadet post Skema Tlieta) u Skema S - Ħlas Lura ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud Imħallsa Fuq l-Ewwel Dar ta' Abitazzjoni (li ħadet post Skema SHD 18).

3.4.3 L-Awtorita' tad-Djar ħarġet skemi ġodda u għamlet emenda għall-Iskema "I" biex aktar inkwilini f'residenzi governattivi jsiru sid ta' darhom.

Skema I:- Permess ta' emenda, inkwilini f'postijiet residenzjali tal-Gvern mibnija fuq art li sal-lum il-Gvern ma għandux titolu fuq din l-art jkunu jistgħu jakkwistaw din il-proprjeta' u jiefqu jħallsu l-kera.

Skema Q:- Peress li hija konxja tal-fatt illi hemm benefiċjarji ta' *HOS plots* li ma jistgħux jifdu ċ-ċens gravanti fuq il-*plots* tagħhom peress li l-Gvern għad m'għandux titolu legali fuq l-art, l-Awtorita' ppubblikat skema ġdida biex dawn il-benefiċjarji jkunu jistgħu jgawdu minn dan il-benefiċċju b'rata tal-fidi sussidjata.

Skema R:- Skema ta' Kera Sussidjata fuq Residenzi Privati

Taħt din l-Iskema, id-dħul annwali ta' l-applikant tela' sa Lm5,000 u l-applikant ma ridx ikollu assi kapitali ta' aktar minn Lm12,000. Is-sussidju annwali fuq il-kera telgħa minn massimu ta' Lm215 għal Lm315.

Skema S:- Skema għall-Ħlas lura ta' VAT imħallsa fuq:-

(i) il-bini ta' l-ewwel dar li tinxtara wara l-1 ta' Jannar 1999 jew il-bini tagħha sa dik il-ġurnata mhux lest (massimu ta' Lm2,500);

(ii) irranġar u kostruzzjoni ta' l-ewwel dar ta' abitazzjoni ta' proprjeta' li kienet mibnija u lesta għall-abitazjoni fl-1 ta' Jannar 1960 jew qabel (massimu ta' Lm3,000)

Skema T:- Taħt din l-iskema jingħata self sussidjat fuq Lm5,000 bir-rata ta' 3.5% fis-sena biex sidien jirranġaw id-djar vojta privati li għandhom bżonn ta' titjib ħalli jinkrew liċ-ċittadini Maltin; jekk ix-xogħlijiet ser isiru mill-inkwilini prospettivi tingħata għotja sa massimu ta' Lm2,500.

Skema W:- Sussidju fuq xogħlijiet ta' irranġar fi djar proprjeta' tal-Gvern:-

Id-dħul annwali aggregat ta' l-applikant ġie awmentat minn Lm3,000 għal Lm5,000 u dan jiddependi min-numru tal-membri tal-familja. Id-dħul ġie rivedut biex jiġi aktar vantaġġuż għall-applikant.

L-għotja telgħet minn Lm500 għal:-

Lm1,000 għal dawk id-djar li nbnew qabel l-1960 u
Lm750 għal dawk id-djar li nbnew fil jew wara 1960.

Sar ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet taħt l-iskemi ġodda kif ġej:-

| SKEMA | APPLIK. RIĊEVUTI | APPLIK. APPROVATI | APPLIK. FINALIZZATI | SUSSIDJU APPROVAT Lm |
|---|---|---|---|---|
| Q - Fidi ta' Kumpens għall-okkupazzjoni | 1,049 | 1,041 | 1,006 | 1,511,684 |
| R - Skema ta' kera Sussidjata Fuq Residenzi Privati | 123 | 44 | 24 | 8,706 |
| S - Ħlas lura ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud imħallas fuq l-ewwel dar ta' abitazzjoni | 28 | 6 | 2 | 2,204 |
| T - Sussidju fuq Xogħlijiet ta' rranġar fi djar privati li huma vojta biex jinkrew lill-Maltin. | 4 | 1 | Nil | 2,104 |
| W - Sussidju fuq xogħlijiet ta' rranġar fi djar proprjeta' tal-Gvern | 52 | 4 | Nil | 2,007 |

L-applikazzjonijiet approvati taħt varji Skemi għadhom ma ġewx kollha finalizzati peress li l-applikanti ma ppreżentawx id-dokumenti neċessarji biex isir il-ħlas.

3.4.4 Xiri Ta' Proprjeta' Privata

*Skema U:- Xiri ta' Proprjeta' Privata Mill-Awtorita' tad-Djar*

Fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Marzu 1999, l-Awtorita' tad-Djar talbet applikazzjoni mingħand sidien/ċenswalisti perpetwi ta' postijiet privati vojta li jixtiequ jbiegħulha din il-proprjeta'. Din l-Iskema għalqet fis-7 ta' Mejju 1999.

Applikazzjonijiet kienu miftuħa għal dawk is-sidien u/jew ċenswalisti perpetwi ta' proprjeta' immobbli li tkun lesta minn kollox u/jew ta' proprjeta' immobbli li tkun fi stat ta' ġebel u saqaf li fil-każi kollha, huma koperti b'permess validu maħruġ mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar u li ġiet mibnija skond l-istess permess. Taħt din l-iskema l-Awtorita' tad-Djar irċeviet 29 talba.

Ġie mwaqqaf Panel bl-iskop li jiġu verifikati l-applikazzjonijiet riċevuti. Dan il-Panel hu kompost minn:-

(a) żewġ persuni nominati mill-Awtorita' tad-Djar, li wieħed minnhom ikun iċ-*chair* tal-*Panel.* Iċ-*Chair* ikollu vot oriġinali u *casting vote* f'każ ta' parita';

(b) persuna nominata mill-Ministru responsabbli mid-Djar wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni;

(c) rappreżentant tad-Direttur tal-Kuntratti;

(d) rappreżentant tal-Ministeru tal-Finanzi.

Il-Panel wasal biex jagħmel rapport finali fuq dawn l-applikazzjonijiet.

3.4.5 Installar ta' Lifts fi Proprjeta' tal-Gvern

Skema V: Taħt din l-Iskema, l-Awtorita' tad-Djar irċeviet 66 applikazzjoni għall-installar ta' lifts fi blokki proprjeta' tal-Gvern li huma fil-lokalitajiet tal-Kottonera, Kalkara, Valletta u Floriana. L-ispiża ta' l-installazzjoni tal-lift, kemm tal-makkinarju kif ukoll tat-tibdil strutturali, issir a spejjeż ta' l-Awtorita' tad-Djar. F'każ li fil-blokk ikun hemm sidien ta' appartamenti dawn jintalbu joħorġu sehemhom mill-ispejjeż kollha involuti.

L-Awtorita' tad-Djar ma waqfitx hawn. Talbet lill-Kunsilli Lokali ta' dawn il-lokalitajiet biex jagħtu lill-Awtorita' lista ta' blokki/entraturi ta' appartamenti li

hemm fil-lokal tagħhom biex tkun tista' tivverifika jekk jistax jiġi installat lift. Dawn il-Kunsilli kkoperaw bis-sħiħ.

Minn dan l-eżerċizzju rriżulta li:-

| Lokalita' | Entraturi Spezzjonati | Lifts Diġa' Installati | Lifts Jistgħu Jiġu Installati | Applikazzjonijiet Riċevuti Taħt l-Iskema | Jeħtieġu Aktar Investigazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| Birgu | 30 | 0 | 2 | 1 | 0 |
| Bormla | 82 | 2 | 21 | 2 | 5 |
| Floriana | 38 | 2 | 7 | 3 | 3 |
| Isla | 32 | 4 | 7 | 0 | 0 |
| Kalkara | 24 | 12 | 1 | 0 | 0 |
| Valletta | 66 | 7 | 20 | 13 | 7 |
| Total: | 272 | 27 | 58 | 19 | 15 |

3.4.6 Fil-bidu tax-xahar ta' Ottubru 1999, l-Awtorita' tad-Djar ser toħroġ skemi ġodda biex jieħdu post dawn l-iskemi eżistenti:-

Skema I:- Sussidju għal Xiri ta' Djar ta' Abitazzjoni tal-Gvern;

Skema L:- Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Irranġar fi Djar Mikrija mill-Privat;

Skema M:- Sussidju għal Xiri u għax-xogħlijiet ta' Irranġar u Titjieb ta' Djar Privati;

Skema N:- Sussidju fuq Xogħlijiet ta' Irranġar u Titjib f'Residenzi Okkupati minn Sidien;

Skema Waħda:- Għajnuna Finanzjarja Għal Xogħlijiet ta' Titjib Fir-Residenzi Okkupati minn Persuni b'Diżabilita';

3.4.7 Konvenji / Kuntratti

F'dan il-perjodu:-

1. 147 konvenju u 198 kuntratt ta' bejgħ ta' djar u appartamenti tal-Gvern taħt Skema "I"
2. 30 konvenju u 135 kuntratt ta' bejgħ ta' appartamenti/*maisonettes* ġodda tal-Gvern.
3. 46 kuntratt fuq garaxxijiet u ħwienet maħruġa b'offerti.
4. 16-il kuntratt fuq *soil area.*
5. kuntratt wieħed ta' verandi u partijiet komuni ta' blokkijiet fl-Imtarfa.
6. 6 ftehim taħt skema "J" - sussidju fuq il-kera ta' residenzi privati.
7. 19-il kuntratt ta' fidi ta' ċnus ta' *HOS Plots* li ġew allokati taħt l-1 sal-10 ħarġa - Skema K.
8. 135 kuntratt taħt Skema L - għotja lill-inkwilini għall-irranġar u titjib fi djar privati.
9. 7 kuntratti taħt Skema M - għotja għax-xiri ta' djar privati mill-inkwilini u għotja għal xogħol ta' irranġar u titjib kif ukoll self issussidjat għax-xiri tal-fond u għal xogħlijiet ta' irranġar u titjib.
10. 195 kuntratt taħt Skema N - għotja għal xogħol ta' rranġar u titjib lis-sidien li joqogħdu fir-residenza tagħhom.
11. 34 kuntratt taħt Skema P- fidi ta' ċnus ta' *HOS plots* allokati qabel l-1979 mid-Dipartiment ta' l-Art.
12. 1,006 ftehim taħt Skema Q - fidi ta' kumpens gravanti *HOS plots.*
13. 24 ftehim taħt skema "R" - sussidju fuq il-kera ta' residenzi privati.

14. 64 ftehim taħt Skema Wieħed - Għajnuna finanzjarja għal xogħlijiet ta' titjib fir-residenzi okkupati minn persuni b'diżabilita'.

15. 93 ftehim taħt Skema Tlieta - Sussidju fuq xogħlijiet ta' irranġar fi djar proprjeta' tal-Gvern.

Fl-istess perjodu, l-Awtorita' ħarġet 26 permess ta' bejgħ lil dawk il-benefiċjarji li xtaqu jbiegħu d-dar li bnew fuq il-*plot* u dana wara l-għeluq ta' 10 snin mill-ħruġ tal-permessi tal-bini. Minn dawn, ġew finalizzati 17.

## 3.5 Il-Proġett ta' l-Imtarfa

L-iżvilupp tal-Proġett tal-Belt ta' l-Imtarfa tkompla billi qed jitlestew il-proġetti li kienu mibdija partikolarment it-toroq, faċilitajiet, servizzi u l-infrastruttura kollha meħtieġa. Bdew jitħejjew disinji biex jinbnew djar oħra f'xi siti oħra fl-Imtarfa li huma tajba għall-bini.

Il-proġett ta' bini ta' 30 *maisonette* bil-garaxxijiet magħhom tlesta flimkien mal-passaġġ u ġnien pubbliku fuq in-naħa ta' wara tal-*maisonettes* minn fejn wieħed jista' jgawdi veduta fuq ic-Chadwick Lakes. Tlesta wkoll il-*landscaping* madwar Binja Ġebel id-Dwejra li tinkludi 40 Cluster House u 40 Garaxx. Numru kbir ta' dawn l-appartamenti flimkien mal-garaxxijiet huma diġa' abitati.

L-Awtorita' tad-Djar kompliet bil-ħidma biex tipprova talloka l-faċilitajiet li kienet bniet fit-*Town Centre*. Minbarra ħwienet, s'issa ġew allokati Klinika u Għassa tal-Pulizija. Qed isiru sforzi mad-Dipartimenti tal-Gvern u oħrajn privati sabiex dawn il-faċilitajiet kollha jibdew jiġu amministrati. L-art ħdejn it-*Town Centre* li ġiet trasferita lill-Kurja qed tiġi żviluppata b'pass mgħaġġel.

Minbarra x-xogħol fuq il-bini, tkompla wkoll ix-xogħol ta' l-infrastruttura fosthom it-toroq madwar l-*HOS plots*, it-tqegħid ta' servizzi ġodda taħt l-art u d-dawl fit-toroq. L-Awtorita' tad-Djar għandha l-inkarigu li tamministra u twettaq xogħol ta' ko-ordinazzjoni ma' l-Awtoritajiet ikkonċernati dwar l-installazzjoni tas-servizzi kollha meħtieġa fl-Imtarfa. Ta' min isemmi li dawn is-servizzi jitħallsu kollha mill-fondi ta' l-Awtorita'. Ix-xogħol tat-toroq u ta' l-infrastruttura ġie estiż u xi toroq ġew inklużi wkoll max-xogħol oriġinarjament ippjanat. L-Awtorita' tad-Djar għandha pjanijiet biex tiżviluppa erba' siti oħra fl-Imtarfa u b'hekk tibni madwar 120 maisonettes u appartamenti ġodda. L-Iżvilupp ta' l-ewwel 30 maisonette għadu ma nbdiex kif ippjanat minħabba dewmien fil-ħruġ tal-permessi tal-bini qegħdin jitħejjew id-disinji ta' l-

kumplament tal-appartamenti u għandhom isiru l-applikazzjonijiet għall-permessi fi żmien qasir. Bħas-soltu l-bini ta' siti ġodda fl-Imtarfa jinkludi infrastruttura u *landscaping*. B'hekk ser jitranġa l-ġnien li kien inbena fi żmien is-servizzi u li issa jinsab f'kundizzjoni ħażina. L-Awtorita' tad-Djar, b'ko-ordinazzjoni mad-Dipartiment tar-Restawr ħejjiet pjan u *tenders* għar-restawr tat-Torri ta' l-Arloġġ li huwa *landmark* importanti fl-Imtarfa.

Barra minn dan l-Awtorita' tad-Djar dejjem baqgħet iżżomm kuntatt mar-residenti kollha ta' l-Imtarfa, il-benefiċjarji tal-postijiet ġodda u speċjalment ukoll mal-Kunsill Lokali sabiex talbiet u lmenti u ħtiġijiet li jinqalgħu minn żmien għal żmien jiġu solvuti u rranġati għas-sodisfazzjoni tar-residenti.

3.6. Attivitajiet oħra matul is-sena

3.6.1 Saru 31 kuntratt minn Nutara magħżula mill-benefiċjarji stess ħalli jiġu ffinalizzati t-trasferimenti tal-*HOS plots* lill-benefiċjarji. Oltre dawn saru wkoll 41 kuntratt rigward fidi ta' ċnus gravanti fuq l-istess *HOS plots*.

3.6.2 L-Awtorita' tad-Djar irċeviet 3 applikazzjonijiet għall-ftuħ ta' ħwienet fuq *HOS plots*. Tnejn minn dawn ġew approvati.

3.6.3 Wara l-pubblikazzjoni ta' l-Avviż Numru 47 li deher fil-Gazzetta ta' l-1 ta' Marzu 1994, fejn wieħed jista' jiddisponi mill-*HOS plots* u l-benefikati ta' fuqha lil terzi persuni, l-Awtorita' tad-Djar irċeviet 7 applikazzjonijiet li kollha ġew approvati. Saru 2 atti ta' trasferiment.

3.6.4 Bħal snin preċedenti, is-Sezzjoni Teknika kellha sehem kbir fl-attivita' ta' l-Awtorita'. Saru:-

(1) 64 spezzjoni rigward ħlas ta' *cash grants* lill-benefiċjarji ta' l-*HOS Plots;*

(2) 345 *Progress Report,* biex jinżamm kontroll fuq l-iżvilupp ta' *HOS Plots;*

(3) 298 spezzjoni biex isiru *Line Drawings* tar-residenzi ta' l-applikanti ma' l-Awtorita' tad-Djar;

(4) 190 spezzjoni ħalli l-inkwilini jkunu jistgħu jixtru r-residenza tagħhom;

(5) 312-il spezzjoni fuq proprjeta' tal-Gvern għall-installar tal-*lifts* (Skema V);

(6) 37 spezzjoni għall-installar ta' kmamar tal-banju ġo Cospicua u Msida;

(7) 32 spezzjoni fuq proprjeta' privata taħt Skema U;

(8) 855 spezzjoni fuq diversi skemi ta' għajnuna mill-Awtorita'.

Barra minn hekk saru:-

(1) 179 pjanta ta' residenzi proprjeta' tal-Gvern u tal-privat ħalli l-inkwilini jkunu jistgħu jixtru r-residenza tagħhom;

(2) 140 pjanta għal *Land Registry* u 120 pjanta għal Dipartimenti oħra;

(3) Ipproċessat 70 pjanta rigward bini fuq *HOS Plots;*

(4) Għamlet 838 appuntament b'ittra u 961 oħra permess tat-telefon.

Sar ukoll it-tielet Rapport dwar il-proprjetajiet ta' l-Uffiċċju Konġunt u ieħor dwar l-artijiet vojta f'Pembroke.

Oltre dan qed tipprepara l-pjanti għall-iżvilupp ta' *plots* f'*maisonettes* u garaxxijiet li ser isiru mill-Awtorita' tad-Djar f'diversi lokalitajiet f'Malta u f'Għawdex. Ġew ippreparati wkoll it-*Tender Documents* għal dawn il-*maisonettes.*

Saru 203 talbiet lill-Kummissarju ta' l-Artijiet ħalli jiġu ttrasferiti lilha postijiet tal-Gvern permezz ta' Ordni Presidenzjali.

Xogħol ieħor magħmul minn din is-sezzjoni kien 132 *Condition Reports* fuq garaxxijiet u appartamenti/*maisonettes* ġodda tal-Gvern. Dawn ir-*reports* saru *on site* fil-preżenza tal-benefiċjarji tagħhom. Saru wkoll *site plans* u spezzjonijiet biex jiġi 'zgurat li art li fuqha ser isir żvilupp mill-Awtorita' tad-Djar ma tkunx okkupata.

Fir-rigward tat-talbiet li saru taħt Skema U biex sidien privati jbiegħu l-proprjeta' tagħhom lill-Awtorita', is-Sezzjoni Teknika kienet involuta bis-sħiħ billi għamlet spezzjonijiet, *layout plans* u anke rakkomandazzjonijiet fuq il-proprjeta' offruta. Dawn id-dokumenti ġew mgħoddija lill-Panel nominat mill-Bord ta' l-Awtorita' tad-Djar biex jistudja dawn l-offerti.

3.6.5 Permezz tad-Dipartiment ta' l-Art, l-Awtorita' tad-Djar ħarġet għall-bejgħ b'offerti postijiet mhux residenzjali f'Attard, Birkirkara, Birżebbuġa, Bormla, Kirkop, Luqa, Mosta, Mqabba, Msida, Mtarfa, Naxxar, Paola, Pieta', San Ġwann, St Venera, Ta' Giorni, Tarxien, Żebbuġ, u Żurrieq.

3.6.6 Il-Kumitat magħruf bħala *Slum Clearance Group* biex jikkordina l-proċeduri tal-proġetti tas-*Slum Clearance* f'diversi lokalitajiet f'Malta, kompla l-ħidma tiegħu. F'dan il-perjodu saru diversi laqgħat. L-Awtorita' tad-Djar għamlet 210 spezzjonijiet fil-Belt Valletta, Furjana, Kottonera u Kalkara f'dawk il-postijiet li r-residenti tagħhom għandhom applikazzjoni għall-akkomodazzjoni alternattiva mad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali peress li għandhom xi periklu. Għalkemm numru minn dawn ir-residenzi jikkwalifikaw taħt xi skema ta' l-Awtorita' u b'hekk dawn ir-residenzi jsiru adekwati għall-bżonnijiet ta' l-oppukanti, dawn l-okkupanti nsistew li jridu post alternattiv u ma ridux jipparteċipaw taħt l-iskemi tagħna.

3.6.7 L-Awtorita' tad-Djar biegħet lill-Mid Med Bank plc ix-*shares* (12.5%) tagħha fil-Lohombus Bank Limited. Bil-fondi ta' dan il-bejgħ l-Awtorita' tad-Djar ser tkompli tibni aktar postijiet ta' residenza lil dawk li l-aktar għandhom bżonn.

3.7. Ic-Chairperson u l-General Manager ta' l-Awtorita' tad-Djar iltaqgħu mas-Sindki tal-lokalitajiet tal-Kottonera u Kalkara bil-għan li tersaq aktar viċin taċ-ċittadin, il-*Customer Care Unit* ta' l-Awtorita'tad-Djar bdiet tattendi fil-Kunsill Lokali ta' dawn il-postijiet. Fil-preżent qed tmur f'dawn il-lokalitajiet kull nhar ta' tnejn b'sistema ta' *roster*.

3.7.1 L-Awtorita' tad-Djar qed taddotta sistema fejn il-pubbliku li jiġi fl-uffiċċju tagħha ma jkollux bżonn imur f'Dipartimenti oħra tal-Gvern biex iġib dokumenti meħtieġa ma' l-applikazzjoni. Il-pubbliku għandu issa l-fakulta' li dawn id-dokumenti jinġiebu mill-Awtorita' stess mingħand id-Dipartimenti konċernati fosthom *Employment & Training Corporation, Succession Department* u Reġistru Pubbliku. B'hekk il-pubbliku qed jiġi moqdi aħjar u anke jnaqqas il-volum tal-pubbliku fuq dawn id-Dipartimenti.

3.7.2 Konxja mill-fatt li mhux il-pubbliku kollu jaf xi drittijiet huwa ntitolat għalihom mingħand l-Awtorita' tad-Djar, l-Awtorita' nediet *Awareness Campaign* fuq it-Televiżjoni nazzjonali biex tinforma lill-pubbliku x'toffri l-Awtorita'. Ġie nstallat ukoll *freephone*.

Għall-ewwel darba, l-Awtorita' ipparteċipat fil-Volontarjat Awareness Fair li saret fit-Trade Fair Grounds in-Naxxar. Ir-rispons kien inkoraġġanti. Oltre dan, l-Awtorita' tad-Djar ingaġġat is-servizzi ta' Kumpanija privata biex tieħu ħsieb ir-relazzjonijiet pubbliċi tagħha.

3.7.3 Fuq inizjattiva tas-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' B'Kara, l-istess Kunsill Lokali u l-Awtorita'tad-Djar daħlu għall-proġett biex tiġi megħluba l-kwistjoni ta' l-għargħar ta' Valley Road / Mannarino Road B'Kara. Permezz ta' dan il-proġett ser isir twaqqiegħ ta' bini eżistenti u minfloku jinbnew appartamenti moderni kif ukoll ħwienet u garaxxijiet.

3.7.4 Fuq talba tagħhom stess, l-Awtorita' tad-Djar żammet laqgħat ma' diversi għaqdiet li jaħdmu f'diversi oqsma biex jipprovdu djar għal persuni/familji li huma jew *homeless* jew għal raġunijiet varji. Fost oħrajn saru laqgħat maċ-Cini Institute, Richmond Foundation, Merħba Bik, Malta Hospice Movement, Dar il-Kaptan u Welcome Home.

L-Awtorita' tad-Djar diġa' għaddiet appartamenti lid-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali biex jiġu allokati lill-familji minn Cini Institute u Merħba Bik. Barra minn hekk, intlaħaq ftehim bejn l-Awtorita' tad-Djar u Richmond Foundation biex din il-fundazzjoni tiġi allokata żewġ postijiet oħra.

Hu ttamat li, fi żmien qasir, l-Awtorita' tad-Djar tkun tista' tgħin aktar lil dawn l-organizzazzjonijiet biex tittaffa din il-problema.

## 4. *PROĠETTI GĦALL-FUTUR*

4.1. L-Awtorita' tad-Djar triq timpenja ruħha sabiex kull familja Maltija u Għawdxija jkollha post diċenti fejn tgħix. L-Awtorita' ser tkompli tħeġġeġ sabiex aktar inkwilini jsiru sidien ta' djarhom, filwaqt li tippromwovi bidla fil-mentalita' ta' dak li l-Maltin lesti jħallsu biex ikollhom post fejn joqgħodu.

4.2. B'kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Politika Soċjali matul is-sena d-dieħla ser tiġi organissata Konferenza Nazzjonali dwar il-Politika tad-Djar f'Malta. Dan sabiex permezz tal-partijiet kollha jinbeda proċess sabiex il-problema tal-Housing tkun studjata aktar fil-fond u tinħadem strategija fit-tul li tindirizza il-qasam b'mod integrat.

4.3. L-Awtorita' tad-Djar bħalissa għaddej il-bini ta' postijiet ġodda fejn qabel kien hemm kerrejjiet li issa twaqqgħu. Il-lokalitajiet li fihom hemm proġetti

simili jew ta' reħabilitazzjoni huma l-Belt Valletta, il-Birgu, Bormla, il-Furjana u l-Imsida.

4.4 L-Awtorita' tad-Djar flimkien mad-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar qegħdin iwettqu diversi bini ta' proġetti f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex kif jidhru hawn taħt:-

Proġetti li qed isir xogħol fuqhom

| LOKALITA' | NUMRU |
|---|---|
| | |
| MALTA | |
| | |
| Birżebbuġa (Tal-Papa) | 24 Maisonette |
| Bormla | 28 Appartament |
| Buġibba (Triq Cassarino) | 8 Appartamenti |
| Iklin (Triq G Bencini) | 2 Maisonettes |
| Kirkop (Ta' Teuma) | 5 Appartamenti |
| Mosta (ta' Mliet) | 32 Maisonettes |
| Msida (Triq is-Swatar/Triq G. Ellul Mercer) | 2 Maisonettes |
| Mtarfa (Plot 85) | 2 Maisonettes |
| Naxxar (Sgħajtar) | 12-il Maisonette |
| Paola (Għajn Dwieli) | 2 Maisonettes |
| Pembroke (Blk B) | 81 Appartament |
| Qawra | 71 Appartament |
| San Ġwann | 3 Maisonettes |
| Santa Lucia | 18-il Maisonette |
| Ta' Giorni | 9 Appartamenti |
| Tarxien | 7 Appartamenti |
| Valletta | 32 Appartament |
| | |
| GOZO | |
| | |
| Qala (Ta' Kassia) | 18-il Maisonette |
| Xewkija (Ta' Gok) | 20 Maisonette |

Proġetti li ser jinbeda x-xogħol fuqhom

| LOKALITA' | NUMRU |
|---|---|
| | |
| MALTA | |
| | |
| Birgu (Pope Alexander Str) | 3 Appartamenti |
| Bormla (41 St Francis Street) | 4 Appartamenti |
| Fgura (Triq l-Għenieq) | 42 Appartament |
| Kirkop (Ta' Teuma 6 Blk 5) | 33 Appartament |
| Msida (Ph III) | 10 Appartamenti |
| Pembroke (Blk F) | 36 Maisonette |
| Żabbar (Housing Estate) | 8 Appartamenti |

Applikazzjonijiet mall-*Planning Authority*

| LOKALITA' | NUMRU |
|---|---|
| | |
| MALTA | |
| | |
| Attard | 6 Maisonettes<br>1 *Terraced House* |
| B'Kara | 69 Appartament |
| Buġibba | 20 Maisonette |
| Luqa | 82 Appartament |
| Marsaxlokk | 20 Appartament |
| Mosta | 4 Maisonettes |
| Msida | 32 Appartament |
| Mtarfa | 40 Maisonette |
| Naxxar | 42 Maisonette |
| Pembroke | 248 Appartament |
| Tarxien | 18-il Appartament |
| Żurrieq | 11-il Appartament |

Proġetti li qegħdin fil-bidu tagħhom

| LOKALITA' | NUMRU |
|---|---|
| | |
| MALTA | |
| | |
| Birżebbuġa | 11-il Appartament |
| B'Kara | 4 Maisonettes |
| Bormla | 48 Appartament |
| Fgura | 2 Maisonettes<br>1 *Terraced House* |
| Iklin | 32 Appartament |
| Isla | 8 Appartamenti |
| Kirkop | 4 Maisonettes |
| Lija (Tal-Mirakli) | 2 Maisonettes |
| Mellieħa (Triq Tal-Braġ) | 2 Maisonettes |
| Mqabba | 7 Appartamenti<br>1 *Terraced House* |
| Msida (Phase V) | 30 Appartament |
| Mtarfa | 80 Appartament |
| Qrendi | 14-il Maisonette |
| Safi (Ta' Stranijiet) | 5 Appartamenti |
| Siġġiewi | 6 Maisonettes<br>3 Appartamenti |
| San Ġiljan | 40 Appartament |
| Swieqi | 2 Maisonettes |
| Żabbar (Ta' St Domenica) | 2 Maisonettes |
| | |
| GOZO | |
| | |
| Għasri (Triq il-Fanal) | 8 Maisonettes |

Proġetti fi stadju ta' *Tendering*

| LOKALITA' | NUMRU |
|---|---|
| | |
| MALTA | |
| | |
| Birżebbuġa (Triq San Ġwann) | 1 *Terraced House* |
| Bormla | 53 Appartament |
| Buġibba (Tal-Veċċ) | 2 Maisonettes |
| Fgura | 55 Appartament |
| Iklin | 32 Appartament |
| Isla (St Philip Street) | 4 Appartamenti |
| Msida | 55 Appartament |
| Pembroke | 36 Maisonette |
| Qawra (New Street) | 44 Appartament |
| Qrendi (Triq il-Kunsill) | 2 Maisonettes |
| San Pawl il-Baħar (Mosta Road) | 44 Appartament |
| | |
| GOZO | |
| Victoria (Tal-Far) | 18-il Maisonette<br>*1 Terraced House* |

| | |
|---|---|
| TOTAL: | 1,764 |

4.5 L-Uffiċċju Konġunt ittrasferixxa lill-Awtorita' tad-Djar diversi artijiet f'Malta biex jiġu żviluppati għal skop ta' djar soċjali. Fil-preżent qegħdin isiru l-pjanti neċessarji biex isiru applikazzjonijiet ta' żvilupp lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

## *5. GĦELUQ*

Biex twettaq ix-xogħlijiet fuq indikati, l-Awtorita' tixtieq finalment turi l-apprezzament tagħha lill-istaff kollu għall-għajnuna li dejjem ta fil-qadi ta' dmirijietu.

Barra minn hekk, l-Awtorita' tad-Djar tixtieq tirringrazzja kemm lid-Direttur u l-istaff tad-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar kif ukoll lid-Direttur u l-istaff tad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali għall-għajnuna li dejjem taw għat-twettieq tal-proġetti tagħha.

22 ta' Ottubru 1999

Sinjura Marisa Micallef Leyson MSc. (Policy Studies)

Sur Carmelo Esposito

Dr. Joseph Azzopardi LL.D

RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA 1998-1999

## 1.0 DAĦLA

1.1 Fis-sena 1998/1999 l-Awtorita' tad-Djar kellha nefqa totali ta' 8.65 miljun lira kif jidher fit-tabella I ta' hawn taħt.

Tabella I




Dan l-ammont jirrapprezenta 2.73 miljun lira f'nefqa kapitali, 3.23 miljun lira f'nefqa soċjali u 2.69 miljun lira f'nefqa rikorrenti.

## *2.0 NEFQA KAPITALI*

2.1 Il-parti l-kbira tan-nefqa kapitali, jiġifieri 2.73 miljun lira kienet fuq il-bini tad-djar u appartamenti ġodda. Matul din is-sena l-Awtorita' tad-Djar kellha diversi progetti mxerrda ma' Malta u Għawdex. L-istima proġettata tan-nefqa Kapitali ma' ntlaħqitx minħabba dewmien fil-ħruġ tal-permessi kif ukoll minħabba illi ċerti kuntratturi waqgħu lura fix-xogħol. Tant illi l-Awtorita' kellha twaqqaf kuntrattur milli jkompli tlett proġetti u d-

dipartiment tal-kuntratti milli ħareġ offerti ġodda għat-tkomplija tax-xogħlijiet. Dawn issa ngħataw u nisperaw illi fis-sena finanzjarja li jmiss tingħata spinta biex il-bini proġettat jitwettaq. Huwa stmat li l-Awtorita' tad-Djar ser ikollha nefqa kapitali ta' 5.13 miljun lira.

2.2 Tkompla x-xogħol ta' l-attrezzamenti fl-uffiċini ta' l-Awtorita' tad-Djar fil-Furjana. Dan jgħin ħafna kemm għall-pubbliku in ġenerali kif ukoll biex jinħoloq ambjent aħjar għall-ħaddiema. Barra minn hekk l-Awtorita' akkwistat fondi numri 10 u 11 fi Triq Pietro Floriani, l-Furjana biex tniffidhom ma' l-uffiċini ezistenti. Dan il-bzonn inħass minħabba l-amalgamazzjoni ta' Dipartimenti oħra ma l-Awtorita'.

2.3 Il-kompjuterizzazzjoni fl-uffiċini tkompliet u x-xogħol f'diversi sezzjonijiet qiegħed isir aktar effiċjenti.

Tabella II




## *3.0 NEFQA SOĊJALI*

3.1 L-iskop ewlieni ta' l-Awtorita' tad-Djar hu li tgħin lill-poplu Malti u Għawdxi li jkollu dar diċenti fejn jgħix u li theggu li jsir sid ta' daru. In-nefqa soċjali f'sussidji din is-sena kienet ta' 3.23 miljun lira. Din in-nefqa tkopri diversi sussidji mogħtija lill-benefiċjarji kif ġej hawn taħt :-

(a) tnaqqis mill-prezz kummerċjali ta' l-appartamenti.

(b) tnaqqis mill-ħlas taċ-ċnus.

(c) tnaqqis mill-prezz tal-fidi taċ-ċnus.

(d) sussidju fuq l-imgħax fuq self mill-Lohombus Bank Ltd.

(e) sussidju fuq il-kera.

(f) għotjiet ta' flus lill-benefiċjarji li ġew allokati plot fl-iskema tal-*Home Ownership*.

(g) għotjiet ta' flus lill-benefiċjarji biex jixtru u /jew jirranġaw id-djar tagħhom biex b'hekk dawn id-djar ma jibqgħux *substandard*.

(h) għotjiet ta' flus lill-persuni b'dizabilita' biex jinstallaw 'stair lift' fid-djar tagħhom.

3.2 L-ammont ta' sussidju fuq il-bejgħ ta' l-appartamenti u djar ġodda għal din is-sena kien ta' madwar 1.23 miljun lira. Dan is-sussidju hu direttament relatat mal-bejgħ ta' l-istess djar u juri medja ta' tnaqqis ta' 34 fil-mija tal-prezz.

3.3 L-ammont ta' sussidju ġie magħti lill-inkwilini ta' postijiet tal-Gvern li xtraw il-post fejn joqgħodu taħt l-Iskema I din is-sena kien ta' 1.21 miljun lira. Dan is-sussidju juri medja ta' tnaqqis ta' 57 fil-mija fil-prezz.

3.4 Il-fidi taċ-ċnus fuq l-artijiet maħruġa taħt l-H.O.S din is-sena kompla b'ritmu tajjeb. Tant illi din is-sena kellna dħul ta' 1.33 miljun lira. Fuq dan l-ammont l-Awtorita' tad-Djar tagħt sussidju ta' Lm 376,000.

3.6 Bħalma jidher fir-rapport amministrattiv hemm ammont sostanzjali ta' applikazzjonijiet li ġew approvati taħt l-iskemi L, M, u N u li l-benefiċjarji tagħhom għadhom ma pprezentawx il-kontijiet tax-xogħlijiet. Għalhekk l-ammont ta' dawn is-sussidji ser jiġu mħallsa fis-sena finanzjarja li jmiss. Ġie għalhekk stmat l-ammont ta' Lm 700,000 f'sussidji għas-sena d-dieħla.

3.7 L-Awtorita', biex tgħin lil benefiċjarji ta' l-iskemi tal-*Home Ownership* kif ukoll lil dawk li jridu jsiru sidien ta' djarhom, tagħti sussidju fuq is-self li dawn jieħdu mingħand il-Lohombus Bank Ltd. L-Awtorita' kellha nefqa ta' Lm108,074 bħala sussidju fuq dan is-self.

TABELLA III




## *4.0 NEFQA RIKORRENTI*

4.1 L-Awtorita' tad-Djar tagħmel dawk il-pagamenti kollha dovuti fuq l-imgħaxijiet fuq self u ħlas lura tal-kapital. Din is-sena ħallasna lura lill-'European Resettlement Fund' is-self ta' CHF 5,650,000 li l-Awtorita' kienet ħadet fl-1989.

4.2 L-Awtorita' tipprovdi fondi għall-ħlas lura tas-self. Dan isir biex b'hekk l-Awtorita' ma jkollhiex piz zejjed f'dik is-sena illi fiha jkun imiss illi jitħallas xi parti minn dan is-self.

## *5.0 DHUL U BEJGH TA' PROPRJETA'*

5.1 Il-programm tal-bini u bejgħ ta' appartamenti kompla b'ritmu tajjeb. L-ammont hu bbazat fuq valur ikkalkolat mill-Awtorita' tad-Djar fuq l-appartamenti u djar li tbiegħ. Dan il-valur ikopri l-ispejjez ta' art, servizzi ta' l-infrastruttura, bini u servizzi professjonali, izda jibqa dejjem aktar baxx mill-prezzijiet fis-suq.

5.2 Matul din is-sena l-Awtorita' tad-Djar kellha dħul ta' 1.33 miljun lira minn fidi taċ-ċnus fuq plots ta' l-H.O.S. Dan huwa 1.3 miljun lira aktar mill-ammont previst ta' Lm 20,000. Dan ġara peress illi l-Awtorita' matul din is-sena neħdiet l-iskema 'Q' illi permezz tagħha benefiċjarji tal-plots tal-H.O.S. illi l-art tagħhom għadha mhix akkwistata jiġifieri illi l-Awtorita' għad m'għandhiex titlu legali fuq din l-art, setgħu jifdu ċ-ċens impost fuq il-plot.

## *6.0 DĦUL RIKORRENTI*

6.1 L-għan ta' l-Awtorita' tad-Djar hu li l-benefiċjarji jkollhom dar aċċettabli li fiha jistgħu jgħixu. F'każijiet ta' diffikultajiet finanzjarji u psikoloġiċi, l-Awtorita' tad-Djar tippermetti trasferimenti ta' *plots* minn benefiċjarji għal terzi persuni. Dan it-trasferiment irid isir skond l-iskemi ta' l-istess Awtorita' li jnaqqsu l-ispekulazzjoni.

**AWTORITA' TAD-DJAR**
**ESTIMI GHAS- SENA 1999/2000**
**FIL-QOSOR**

| INFIEQ | | 1999/2000 Lm |
|---|---|---|
| A | Nefqa Kapitali | 5,127,000 |
| B | Nefqa Socjali f'Sussidji | 2,368,000 |
| C | Nefqa Rikorrenti | 1,245,000 |
| | **TOTAL** | 8,740,000 |

**FINANZJATI MID- DHUL LI GEJ :-**

| | | |
|---|---|---|
| D | Dhul minn bejgh ta' propjeta' tal-Gvern | 4,036,000 |
| E | Dhul Rikorrenti | 964,000 |
| F | Kontribuzzjoni mill-Fond Konsolidat | 1,100,000 |
| G | Likwidazzjoni ta' investimenti | 2,640,000 |
| | **TOTAL** | 8,740,000 |

## A. NEFQA KAPITALI

| 1997/1998 NEFQA Lm | 1998/1999 STIMA Lm | 1998/1999 NEFQA Lm | DETTAL | | 1999/2000 STIMA Lm | 1999/2000 Noti Ghall-Estimi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2,732,219 | 4,730,000 | 2,683,458 | 1 | Programm ta' bini ta' appartamenti u djar godda | 5,012,000 | * Vot li jkopri akkwist ta' art, bini ta' appartamenti godda u infrastruttura madwarhom, fl-Imtarfa u nhawi ohra |
| 17,655 | 20,000 | 32,947 | 2 | Attrazzament tal-ufficcju ta' l-Awtorita' | 70,000 | ** Vot ghat-tkomplija ta' attrezzament ta' l-ufficcji ta' l-Awtorita' tad-Djar, zjieda fl-ghamara u taghmir iehor. |
| 9,862 | 15,000 | 6,374 | 3 | Zjieda fil-Kompjuterizazzjoni tal-ufficcju | 20,000 | Vot ghal aktar attrezzament tal-kompjuter kif ukoll xiri ta' sistema specjalizzata ghall-uzu tal-periti. |
| - | 7,000 | 7,000 | 4 | Xiri ta' vetturi | 25,000 | Xiri ta' vetturi godda |
| 2,759,736 | 4,772,000 | 2,729,779 | | TOTAL | 5,127,000 | |

* Dan il vot hu ghaqda ta' tlett voti : "Programm tal-Bini u Djar" u "Akkwist ta'Art".

** L-Awtorita akkwistat fondi numri 10 u 11 fi Triq Pietro Floriani l-Furjana biex tniffidhom ma' l-ufficini ezistenti.Dan il-bzonn inhass minhabba l-amalgamazzjoni ta' Dipartimenti ohra ma' l-Awtorita'

# B. NEFQA SOCJALI F' SUSSIDJI

| 1997/1998 NEFQA Lm | 1998/1999 STIMA Lm | 1998/1999 NEFQA Lm | | DETTAL | 1999/2000 STIMA Lm | Noti Ghall-Estimi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1,205,128 | 1,349,000 | 1,233,064 | 1 | Sussidju lis-sidien fuq xiri ta' postijiet godda battala mibnija mill-Awtorita' | 788,000 | Appartamenti ma jinbieghux bil-prezz kummercjali taghhom izda bi prezzijiet issussidjati skond skemi stabbiliti. |
| 2,096,315 | 980,000 | 1,210,080 | 2 | Sussidju lill- inkwilini ta' postijiet tal-Gvern | 720,000 | |
| 168,963 | 24,500 | 375,874 | 3 | Sussidju fuq hlas u fidi ta' cnus | 10,000 | Vot li jkopri sussidju moghti fuq il-pagamenti annwali u fidi ta' cnus ta' H.O.S. plots. |
| 163,490 | 700,000 | 303,719 | 4 | Sussidji fuq l-iskemi ta' l-Awtorita' | 700,000 | Vot li jipprovdi fondi ghal sussidju fuq hlas tal-kera, tiswijiet u /jew akkwist ta' residenzi fis-settur privat u ghajnuna lill-persuni b'dizabilita' taht skemi varji |
| 109,693 | 130,000 | 108,074 | 5 | Sussidju fuq l-imghaxijiet ta' self mill-beneficjarji ta diversi skemi | 150,000 | Vot ghal sussidji lill-beneficjarji fuq l-Imghaxijiet imhallsa fuq self |
| 3,743,589 | 3,183,500 | 3,230,811 | | TOTAL | 2,368,000 | |

## C. NEFQA RIKORRENTI

| 1997/1998 NEFQA Lm | 1998/1999 STIMA Lm | 1998/1999 NEFQA Lm | | DETTAL | 1999/2000 STIMA Lm | 1999/2000 Noti Għall-Estimi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 654,386 | 2,335,000 | 2,188,957 | 1 | Ħlas ta' imgħaxijiet u kapital fuq self għall- izvilupp | 663,000 | Vot għal ħlas ta' imgħaxijiet u s-somom kapitali fuq is-self |
| 361,126 | 470,000 | 403,132 | 2 | Salarji, pagi, etc. | 470,000 | |
| 65,672 | 70,000 | 68,661 | 3 | Ħtiġijiet ta' l-uffiċċju | 70,000 | |
| 18,463 | 24,000 | 20,093 | 4 | Transport | 25,000 | |
| 3,108 | 4,000 | 1,957 | 5 | Ħlas ta' dawl u ilma | 4,000 | |
| 2,796 | 2,000 | 1,771 | 6 | Spejjez legali u ta' registrazzjoni ta' l-art | 2,000 | |
| 1,093 | 5,000 | 926 | 7 | Spejjez fuq konferenzi u taħriġ għall-impjegati | 10,000 | Vot għal taħriġ ta' l-impjegati u għall-attivitajiet kulturali f'oqsma differenti ta' l-amministrazzjoni |
| 2,500 | 1,500 | 998 | 8 | Ħlas lill-Awdituri | 1,000 | |
| 447,500 | 665,000 | 665,000 | 9 | Fond għall-ħlas lura tas-self | 593,000 | + l-Awtorita' tad-Djar għandha programm ta' provvediment ta kull sena għall-ħlas lura tas-self |
| 1,556,644 | 3,576,500 | 2,686,495 | | TOTAL | 1,245,000 | |

+ Dan l-ammont ikopri s-'Sinking Fund' meħtieġ għas-sena 1999/2000. Billi dan l-ammont huwa diġa kopert b'investimenti, mhux ser jiġi għal bħala spiża għas- sena 1999/2000.

## D. DHUL MINN BEJGH TA' PROPRJETA'

| 1997/1998 DHUL Lm | 1998/1999 STIMA Lm | 1998/1999 DHUL Lm | DETTAL | | 1999/2000 STIMA Lm | | Noti Ghall-Estimi |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 3,968,626 | 3,900,000 | 3,588,026 | 1 | Bejgh ta' appartamenti godda | 2,816,000 | * | Stima ta' valur kummercjali ta' postijiet godda, mibnija mill-Gvern u mill-Awtorita' tad-Djar li jitlestew sal- 2000 jinbieghu. |
| 3,330,564 | 1,400,000 | 2,117,687 | 2 | Bejgh ta' postijiet lill- inkwilini | 1,200,000 | * | Stima b'valur kummercjali ta' postijiet tal-Gvern u ta' l-Awtorita' tad-Djar li jinbieghu lil-inkwilini taht id-diversi skemi ta' l-Awtorita tad-Djar. |
| 323,663 | 20,000 | 1,337,112 | 3 | Fidi ta' cnus | 20,000 | * | Stima ta' fidi ta' cnus fuq artijiet tal- H.O.S. |
| 7,622,853 | 5,320,000 | 7,042,825 | | TOTAL | 4,036,000 | | |

* Is-sussidju relatat ma' dawn il-voti jidher fuq pagna ta' "Nefqa socjali f'sussidji"

# E. DHUL RIKORRENTI

| 1997/1998 DHUL Lm | 1998/1999 STIMA Lm | 1998/1999 DHUL Lm | | DETTAL | 1999/2000 STIMA Lm | | Noti Ghali-Estimi |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 168,649 | 120,000 | 162,198 | 1 | Cnus minn artijiet li hargu taht l-iskemi tal-H.O.S. | 100,000 | $ | Kera migbura minn dawk il-postijiet li jghaddu fidejn l-Awtorita' tad-Djar biex jinbieghu sakemm jinbieghu, kif ukoll xi postijiet mill- fondi tal-Awtorita' |
| 8,157 | 8,000 | 38,077 | 2 | Kera minn postijiet | 8,000 | | |
| 1,300 | 1,000 | 1,180 | 3 | Dhul minn permessi ghall-hwienet | 1,000 | | Drittijiet li jithallsu lill-Awtorita' meta tapprova permessi ghal ftuh ta' hwienet fbini fuq artijiet tal-H.O.S. |
| 2,275 | 2,000 | 1,881 | 4 | Lawdemju | 1,000 | | Hlas ta' lawdemju ikun dovut lill-Awtorita' tad-Djar fuq trasferiment lill terzi persuni |
| 50,525 | 15,000 | 7,800 | 5 | Dhul minn trasferimenti ta' bini fuq artijiet ta' H.O.S. | 5,000 | | Jekk bini fuq art tal-H.O.S. jigi trasferit lil terzi persuni bil-kunsens ta' l-Awtorita' tad-Djar ikun dovut hlas lill- Awtorita' tad-Djar. |
| 73,516 | 30,000 | 123,567 | 6 | Rimborz ta' sussidju | 25,000 | | Jekk bini fuq art ta' l-H.O.S. jigi trasferit qabel ma jaghlaq iz-zmien stipulat fl-iskema relattiva, ikunu jridu jithallsu lura s-sussidji jew parti minnhom lill-Awtorita' tad-Djar |
| 584,110 | 626,000 | 668,112 | 7 | Imghax minn investimenti u flus fil banek | 824,000 | | Vot li jkopri dhul ta' interessi minn investimenti temporanji u fondi ghall-hlas lura tas-self. |
| 708,132 | 1,534,000 | 1,792,198 | 8 | Likwidazzjoni ta' investimenti | 2,640,000 | | Vot li jkopri likwidazzjoni ta' investimenti/ assi biex jaghmel tajjeb ghad- diskrepanza bejn dhul u hrug |
| - | - | - | 9 | Self | - | | L-Awtorita' tad-Djar takkwista self ghat-twettiq tal-programm taghha. |
| 900,000 | 1,000,000 | 900,000 | 10 | Kontribuzzjoni mill-fond konsolidat | 1,100,000 | | |
| 2,496,664 | 3,336,000 | 3,695,013 | | TOTAL | 4,704,000 | | |

$ Is-sussidju relatat ma' dan il-vot jidher fuq pagna ta "Nefqa Socjali f'sussidji"